Inxtehet bil-qiegħda fuq l-eqreb siġġu li sab u niżżel rasu bejn idejh. L-għali li hass għaliha kien għali tabilħaqq. Iqatta' u jċarrat il-qalb. Reġa' qara l-ittra bit-tama mignuna li qara ħażin. Qalbu maqtugħa għolla ħarstu 'l fuq, ħa nifs qawwi 'l ġewwa u nfaqa' jibki.

Xħin stejqer qam iħares mit-tieqa minn bejn iċ-ċpar tad-dmugħ. F'daqqa għaddielu ħsieb tal-waħx minn rasu. "Il-pesta ta' żmienna" tittieħed ukoll! Qabdu ferħ ta' ġenn. U lanqas kellu żmien jaħseb li nesa l-qagħda mwiegħra tat-tfajla tal-biża' li ħakmu dwaru nnifsu. Għaddielu wkoll il-ħsieb li kif kienu intimi qabel jistgħu jsiru intimi issa wkoll. Kien se jwerżaq b'dal-ħsieb.

Il-waħx tiegħu issa deher akbar. Lanqas b'mod "akkademiku" ma ried jistħarrġu dal-ħsieb. Minn dak il-ħin, ix-xbiha ta' dik it-tfajla sabiħa issa ħadet bixra oħra. U l-bixra seta' jaraha aħjar bil-lejl meta tiġi żżuru bil-ħolm. Dak il-ħin il-biża' tiegħu kien jieħu s-sura, il-ħsibijiet kienu jitlaħħmu u t-tfajla tidhirlu bix-xbiha l-ġdida tagħha: laħamha jitmermer, għajnejha mqabbżin 'il barra minn ħofrithom fonda, ħalqha bla snien magħluq b'għanqbuta fina li bil-lejl jistagħġeb kif ma kienx intebaħ biha qabel u mbagħad filgħodu jifhem il-preżenza tagħha u għaliex ma kienx jaf biha qabel ma waslitlu dik l-ittra tal-biża'.

Imqar bħalissa fid-dawl għammiexi tax-xemx seta' jilmħu, dak il-wiċċ imkemmex, bid-dbabar tal-qirda mifruxa fuq sfuritu, bil-għads kbir li kien nibet u kiber dan l-aħħar, bix-xagħar imqanfed donnu jixhed ġlieda qerrieda mal-mewt.

Mat-tifkiriet tal-mewt reġa', bla ma ried, għadda idu minn ma' għonqu biex ineħħi l-ħannieqa li qed tagħfas miegħu, toħonqu u tisraqlu nifsu. Min jaf jistax ineħħi dik il-ħannieqa li ħassha tagħfas miegħu? Waqqaf il-karozza. Qagħad iħares għal ftit quddiemu, fil-baħħ. Imbagħad, bil-lajma ta' min tilef il-ħeġġa tad-demm, fetaħ il-bieba u niżżel sieqų lejn l-art.

Hemm ġew, x'imkien fl-Isptar San Luqa, it-tweġiba kienet qiegħda tistennieh. Xi ħadd kien ġa jafha. Hu kien għadu le. Iżda ma jdumx ma jsir jafha hu wkoll.



# Pariġi

Oliver Friggieri

Mara li ftaħtli idejk biex nagħfsek miegħi
u kxiftli l-ġnien ta' sidrek tiela' w nieżel,
int xmara tgelgel li ma tafx kif tieqaf.
Mara li ma tibżax mill-ħars ta' raġel
u tqabbdu l-ġuħ u tqabbdu l-għatx tax-xewqa
u tinfdu dritt fin-nofs tal-qalb bil-vleġeġ,
mara li ġismek fih stedina waħda,
vulkan li ma jorqodx u dejjem jaħraq,
mara li tbus mingħajr ma taqta' nifsek
u tigdem bejn xofftejk sakemm tiskopri,
u tingħi u titriegħed u trid aktar.
Mara li sraqt ilwienek mill-qawsalla
u sraqt il-ħbub t'għajnejk mix-xmux u l-kwiekeb,
u sraqt xofftejk min-nar, ħaddejk mill-qamar,
u sraqt ġenbejk u sraqt dirgħajk u qalbek,
ma nafx, ma nafx x'għamilt biex sraqt dan kollu,
u sraqt il-frotta tiegħek minn ġo l-Għeden,
dal-kalċi jlegilguh l-allat weħidhom
u int ħtafthulhom meta kienu rieqda
dal-kalċi, dan l-artal, dan-nofs ta' kollox.
Qawwija wisq din l-għafsa ta' bejn snienek
u xuxtek tistordini mħabbla miegħi,
u t-toqol tiegħek fuqi se jifgani.
Hekk, fgat f'dirgħajk, imut kull raġel hieni.
Mara, f'kull girfa jnixxi l-ħsieb ta' moħħok
u moħħok oċean, imqanqal dejjem.
Mara li taf, mara li trid, inċedi
quddiemek irġuliti. Hu kulm'għandi
la minn fuq s'isfel inti femminili,
saħħara tas-sigrieti l-kbar, Pariġi.